**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 74/2022/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Felix Grech**

Illum 25 ta' April 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant **Felix Grech**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 192360(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar l-20 ta' April 2020 għal ħabta ta' 10:13hrs fl-inħawi ta' Selmun limiti tal-Mellieħa:

1. ikkonfoffa jew ittanta, jew għin, ħajjar, ta pariri jew flus lil xi ħaddieħor biex jikser xi dispożizzjonijiet bħal dawk, jew biex jikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew ħtieġa imposta minn jew

taħt dawn ir-Regolamenti u dan bi ksur ta' Regolament 27(d) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat (L.S. 549.42).

Il-Qorti ġiet mitluba illi, barra li tagħti l-piena taħt ir-Regolament 27 ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-oġġetti u s-sospensjoni ta' kull liċenzja jew permess maħruġa taħt ir-Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, għall-perjodu applikabbli taħt l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat (L.S. 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-11 ta' Frar 2022 fejn il-Qorti, wara li rat Regolament 27(1)(d) tal-Avviż Legali 79 tal-2006, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u konsegwentement ikkundannatu għal ħlas ta' multa ta' elf Euro (€1,000). *Ai termini* ta' Regolament 27 tal-Avviż legali 79 tal-2006, l-Ewwel Qorti ordnat is-sospensjoni ta' kull liċenzja jew permess maħruġ taħt ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għall-perjodu ta' sentejn mid-data tas-sentenza. *Ai termini* ta' istess dispożizzjoni tal-Avviż Legali 79 tal-2006 kif ukoll *ai termini* ta' Artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti ordnat ukoll il-konfiska tal-*corpus delicti.*

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fit-28 ta' Frar 2022 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"tirriforma s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar il-11 ta' Frar 2022, billi tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza rigward il-ħtija misjuba u konsegwentement tillibera lill-appellant minn kull ħtija, u subordinatament tinfliġġi piena aktar mite fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ kif sottomessi."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi mir-rapport (*a fol.* 4 *et seq.*) redatt mill-Pulizija jirriżulta li waqt li fl-20 ta' April 2020 il-Pulizija kienu qed jagħmlu rondi minħabba kaċċa illegali, huma rċevew rapport mingħand Fiona Burrows li żewġ kaċċaturi kienu jinsabu flimkien ħdejn il-Fortizza ta' Selmun. Meta l-Pulizija marru fuq il-post indikat minn Burrows huma sabu tliet persuni li tnejn minnhom kienu nvoluti f'attivita' ta' kaċċa. Fir-rapport jirriżulta wkoll li wieħed minn dawn it-tliet persuni kien ċertu Brian Grech li meta ġie mitkellem mill-Pulizija ammetta li kien spara fuq il-gamiema u qatilha u fejn qal li l-kaċċatur l-ieħor kien ħuh l-appellant Felix Grech. Jingħad li meta l-appellant ġie mitkellem huwa qal li ma kien spara fuq xejn u li kien qed idur bil-kelb.

Illi l-appellant isejjes l-appell tiegħu fuq erba' aggravji li l-Qorti ser tagħmel il-konsiderazzjonijiet dwarhom hawn taħt.

**Ikkunsidrat**

Illi din il-Qorti ser tikkunsidra l-ewwel tliet aggravji flimkien peress li b'xi mod jew ieħor huma konnessi.

Illi fl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant jisħaq li mill-assjem tal-provi u x-xhieda prodotti l-Ewwel Qorti ma kellhiex issib ħtija dwar l-imputazzjoni kif dedotta billi din l-imputazzjoni tirrikjedi li hu kkonfoffa, ittanta jew għen, ħajjar, ta parir jew flus lil xi ħaddieħor liema azzjonijiet iridu jkunu saru qabel ir-reat .

Illi fit-tieni aggravju l-appellant jargumenta li r-reat prefissat f'Artikolu 48A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jitlob ftehim *a priori* u jgħid li ma tressqet ebda prova li kien hemm xi ftehim minn qabel.

Illi fit-<u>tielet aggravju</u> l-appellant jgħid li lanqas hemm l-estrem tal-attentat minħabba li hu waqaf minn jeddu u ma wettaq l-ebda reat.

Illi din il-Qorti ser tibda l-istħarriġ tagħha billi tinnota li huwa ben magħruf li hija ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm din tkun waslet għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolment. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-31 ta' Lulju 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Julian Genovese** (Numru 141/2008) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi l-ewwel tlitt aggravji jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi traskritti li għamlet l-Ewwel Qorti. Issa hu prinċipju ormaj stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-każ ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll fil-każ ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi eżerċitata mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx raġjonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk iżda din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġjonevolment tasal għall-konkluzzjoni li waslet għaliha, allura din tkun raġuni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

Illi jidher li l-ilment prinċipali taħt l-ewwel tliet aggravji tal-appellant huwa li hu ma sparax fuq il-gamiema waqt li kull ma għamel kien li ġabar biss il-gamiema.

Illi Regolament 27(1)(d) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta taqra hekk:

> "Kull persuna –
>
> [...]
>
> (d) li tikkonfoffa jew tittanta, jew tgħin, tħajjar, tagħti pariri jew flus lil xi ħaddieħor biex jikser xi dispożizzjonijiet bħal dawk (inkluża ordni leġittimament mogħtija skont xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti), jew biex tikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew ħtieġa imposta minn jew taħt dawn ir-regolamenti,
>
> tkun ħatja ta' reat taħt dawn ir-regolamenti." [emfażi miżjuda]

Illi fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti sabet lill-appellant ħati talli għen lill-kaċċatur l-ieħor. Minn Regolament 27(1)(d) hawn fuq ikkwotat l-għajnuna hija identifikata bħala alternattiva għall-konfoffa u mhux bħala parti minn reat wieħed. Fil-fatt l-istess sub-Regolament jipprefiġġi ħames azzjonijiet indipendenti minn xulxin, li huma: tikkonfoffa, tittanta, tgħin, tħajjar, tagħti pariri jew flus.

Illi mill-filmat (Dok. "FB" – *a fol.* 21) ippreżentat minn Fiona Burrows jidher li l-appellant l-ewwel jagħti indikazzjoni lil ħuh fejn jista' jfittex il-gamiema sabiex jisparaw fuqha u fit-tieni lok jinżel ħdejn ħuh jimxi fil-ħaxix sabiex igerrex il-gamiema ħalli tittajjar u b'hekk ikunu jistgħu jisparaw fuqha. Il-fatt li huwa ma sparax fuq il-gamiema ma jfissirx li huwa ma għenx lill-ħuh. B'hekk din il-Qorti hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha.

Illi l-argumenti mressqa mill-appellant dwar il-fatt li ma jistax ikun hemm kompliċita' wara l-azzjoni, dawn mhumiex mistħoqqa. Din il-Qorti qed tgħid dan minħabba li l-azzjonijiet li wettaq l-

appellant wettaqhom bħala parti mir-reat u ċioè qabel ma nqatlet il-gamiema. Il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-10 ta' Ottubru 2016 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Camilleri** (Numru 501/2014), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "3. L-appellant jilmenta fl-ewwel lok illi ma jirriżultawx l-elementi tar-reat tal-kompliċita' kif ravviżati fl-Artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali. L-appellant huwa żbaljat rigward din il-lanjanza għaliex hu qatt ma kien imputat b'dan il-fatt iżda b'fatti diversi li jemerġu mill-Avviż Legali 79 tal-2006 kif emendat. L-azzjoni tal-appellant faċilment tinkwadra f'waħda mill-azzjonijiet pożittivi msemmija fl-artikoli tal-liġi li bihom kien imputat. Ir-reat ikun jirriżulta f'kull każ fejn persuna tikkonfoffa jew tittanta, jew tgħin, tħajjar, tagħti parir lil xi ħaddieħor sabiex jikkaċċja jew jipprova jikkaċċja."

Illi dwar l-argumenti relatati mal-konfoffa, dawn ser jiġu mwarrba minħabba li l-appellant ma nstabx ħati minħabba l-element tal-konfoffa iżda nstab ħati talli għen lill-ħuh sabiex jikkaċċja.

Għaldaqstant, l-ewwel tlitt aggravji tal-appellant qed jiġu miċħuda.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-<u>raba' aggravju</u> l-appellant jisħaq li Regolament 27(2)(a) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta jagħti diskrezzjoni lill-Qorti u għalhekk la hu ma spara fuq xejn, il-Qorti għandha teżerċita d-diskrezzjoni tagħha. Jilmenta li anke jekk wieħed japplika Regolament 27(2)(b) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja msemmija jirriżulta li l-Ewwel Qorti ma wzatx id-diskrezzjoni tagħha. Jispiċċa billi jilmenta li tenut kont li l-appellant għandu tnejn u sittin (62) sena u għandu fedina penali kważi netta, piena bħal dik erogata mill-Ewwel Qorti tmur kontra l-prinċipju tal-korrezzjoni.

Illi dwar dan l-aggravju din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-24 ta' Frar 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jean Pierre Farrugia** (Numru 447/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi, ġie stabbilit b'mod kopjuż fil-ġurisprudenza illi qorti ta' reviżjoni bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioè din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm-il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod *"wrong in principle"* jew *"manifestly excessive"*[1]."

Illi din il-Qorti tinnota li l-piena imfassla għar-reat taħt Regolament 27(1)(d) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta hija dik imsemmija f'Regolament Artikolu 27(3)(a) tal-istess Leġislazzjoni Sussidjarja u konsegwentement l-argumenti mressqa mill-appellant rigward l-applikazzjoni ta' Regolament 27(2)(a) u (b) ser jiġu mwarrba.

Illi Regolament 27(3)(a) hawn fuq imsemmi jistabbilixxi s-segwenti bħala piena:

> "meta tinstab ħatja għall-ewwel darba, multa ta' mhux anqas minn ħames mitt euro (€500) iżda mhux iżjed minn elfejn u ħames mitt euro (€2,500) kif ukoll il-konfiska tal-*corpus delicti;*"
>
> [....]
>
> Iżda wkoll l-Qorti għandha wkoll tordna s-sospensjoni tal-liċenzja jew permess rilevanti maħruġa taħt dawn ir-regolamenti u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, għal perijodu ta' mhux anqas minn sentejn iżda mhux aktar minn ħames snin."

[1] **The Republic of Malta vs Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek**, deċiza nhar il-25 ta' Awwissu 2005.

Illi tenut kont li l-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellant multa ta' elf Euro (€1,000) flimkien mal-konfiska tal-*corpus delicti* u s-sospensjoni tal-liċenzja għal sentejn, din il-Qorti hija sodisfatta li l-piena hekk erogata taqa' fil-parametri tal-liġi u konsegwentement ir-raba' aggravju tal-appellant qed ikun miċħud ukoll.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Felix Grech u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha u dan għajr għal dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti ordnat is-sospensjoni ta' kull liċenzja jew permess maħruġa taħt ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għall-perjodu ta' sentejn liema parti qed tiġi revokata u dana minħabba d-dħul fis-seħħ fil-mori tal-appell tal-emendi bl-Avviż Legali 86 tal-2022 li ġiet aktar favorevoli għall-appellant u b'hekk għandu jibbenefika minn tali emenda u minflok din il-Qorti tordna s-sospensjoni tal-liċenzja jew permess rilevanti maħruġa taħt ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għall-perjodu ta' sentejn millum.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**